MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**MICHAEL MALLIA**

Seduta tad-9 ta' Novembru, 2009

Appell Kriminali Numru. 109/2009

**Il-Pulizija**
**Vs**
**Charmaine Cachia**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellanti quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli fid-data 5 ta' Gunju, 2008 fil-18.15 ta' filghaxija waqt li kienet f'Birkirkara naqset milli taghti access lir-ragel taghha Mario Cachia ghal uliedu Chanise ta' 11-il sena u Charlton ta' 5 snin u dan skond id-digriet mahrug mill-Onor Imhallef Dr. Noel Cuschieri LL.D datat 5 ta' Gunju, 2008.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tas-16 ta' Marzu, 2009, li biha, wara li rat l-artikolu 338(II) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-appellanti hatja w ikkundannatha ghal gimgha detenzjoni.

Rat ir-rikors tal-appellanti minnha pprezentat fis-27 ta' Marzu, 2009, li bih talbet li din il-Qorti joghgobha tirrevoka, thassar u tannulla s-sentenza appellata fejn l-appellanti giet misjuba hatja tal-akkuza w hekk tilliberaha minn kull imputazzjoni w htija w fl-eventwalita' li din il-Qorti ssib htija, l-piena tigi varjata minn wahda ta' detenzjoni ghal multa sabiex b'hekk tigi applikata piena aktar gusta w ekwa kif jixraq fic-cirkostanzi.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellanti esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellanti, fil-qosor, huma s-segwenti w cioe':-

1. Illi mill-provi li nstemghu quddiem l-Ewwel Qorti kien hemm konfuzjoni f'mohh il-partijiet dwar meta kellu jibda japplika d-digriet li a bazi tieghu nharget l-akkuza. Dak illi huwa ovvju ghal kull min jipprattika l-professjoni legali, m'huwiex daqshekk ovvju ghal mara tad-dar bhal ma hija l-appellanti. Izda jigi enfasizzat illi n-nuqqas ta' kjarezza li kellha l-appellanti, hija konfortata minn nuqqas ta' kjarezza li kellu f'mohhu wkoll il-kwerelant illi fl-istess jiem ukoll haseb li ghadu japplika d-digriet l-antik. Il-fatt li d-digriet inhareg fl-istess jum tal-allegata akkuza, holoq hafna konfuzjoni. L-Ewwel Qorti minkejja li rrizulta dan id-dubju ragjonevoli, m'applikatx l-istess dubju favur l-appellanti kif kellha taghmel. Minkejja dan id-dubju ragjonevoli, l-Ewwel Qorti xorta sabet lill-appellanti hatja.

2. l-Ewwel Qorti ikkundannat lill-appellanti gimgha detenzjoni illi din il-piena hija wisq harxa meta wiehed jikkonsidra li l-appellanti qatt ma giet akkuzata w qatt ma nstabet hatja li naqset li taghti access lil zewgha ghal uliedhom minuri hlief ghal din l-okkazzjoni. Hija dejjem obdiet u osservat bir-reqqa id-digrieti kollha tal-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) rigwardanti l-access tal-minuri. L-appellanti ghandha l-kura w il-kustodja ta' uliedha minuri. Il-piena ta' detenzjoni tikkastiga bil-kbira lil dawn il-minuri li ghall-gimgha ser ikunu neqsin minn ommhom. Dawn il-minuri huma "attached" u "close" hafna ma' ommhom li

qatt ma thallihom fil-kura ta' terzi izda dejjem tipprovdi ghall-htigijiet taghhom hija personalment. Inoltre minghajr dubju il-fatt li ommhom giet inkarcerata, tkun ta' trawma kbira ghall-istess minuri ta' eta' daqshekk sensittiva. Is-sitwazzjoni tal-access tal-minuri hija ghal kollox regolari bejn il-partijiet.

Ikkunsidrat

Illi l-fatti li taw lok ghal din il-kawza huma s-segwenti :-

L-appellanta hija mizzewga lil Mario Cachia w ghandhom zewgt itfal Chanise ta' hdax il-sena w Charlton ta' hames snin. Bejn il-konjugi hemm kawza ta' separazzjoni personali w permezz ta' digriet moghti mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili (Sezzjoni Familja) tal-5 ta' Gunju, 2008, gie regolat l-access tal-missier Mario vs ulied minuri w cioe' fil-"weekend" kellu jarahom bejn l-erba' ta' wara nofsinhar u t-tmienja ta' filghaxija w nhar ta' Tnejn u nhar ta' Hamis bejn is-sitta w it-tmienja ta' filghaxija. Dak inhar stess illi nghata d-digriet Mario, mar fir-residenza ta' martu 10, Charmar, Triq Gori Mancini, Birkirkara ghall-habta tal-hamsa sabiex jistenna li jsir il-hin ghall-access ta' uliedu. Baqa' jistenna ghal xi hin izda fis-sitta w ghoxrin ta' filghaxija ra lil martu w lill-uliedu hiergin minn gol-garage taghhom li jinsab fl-istess triq. Ma sarx konfront bejn Mario w martu, izda mar dritt l-ghassa jaghmel rapport fis-sens illi martu cahditu mill-access skond digriet tal-Qorti. Ir-rapport li ghamel lill-Pulizija jinsab esebit a fol. 17 tal-process u jgib id-data 5 ta' Gunju, 2008 18.30. Ghalhekk il-Pulizija resqu lill-appellanti l-Qorti biex twiegeb ghall-akkuzi li hija naqset milli taghti access lir-ragel taghha Mario Cachia skond digriet mahrug mill-Qorti Civili (Sezzjoni Familja) tal-5 ta' Gunju, 2008.

B'sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati fis-16 ta' Marzu, 2009 dik il-Qorti sabet lill-appellanta hatja skond l-akkuza w ikkundannatha ghal gimgha detenzjoni.

Minn din id-decizjoni l-appellanta nterponiet dan l-appell fejn ilmentat illi l-piena kienet harxa wisq meta tqis illi l-allegat ksur sar da inhar stess li nghata digriet li kkawza

konfuzjoni f'mohh l-appellanti stante illi kien hemm digriet iehor qabel li kien jaghti hinijiet differenti.

Skond ir-rikors tal-appell, fejn giet riprodotta x-xiehda ta' Mario Cachia wara illi ghamel ir-rapport l-ghassa, l-ghada l-Hadd mar ghall-access ta' uliedu fl-ghaxra ta' filghodu skond l-ewwel digriet u mhux fl-erba' skond id-digriet tal-5 ta' Gunju, 2008.

Skond l-Avukat tal-appellanta dan kompla kkreja w mmanifesta il-konfuzjoni li kien hemm f'mohh il-konjugi dwar liema digriet kellu japplika w meta.

Jidher li la darba giet iccarata l-posizzjoni ma kienx hemm aktar incidenti bejniethom.

Ikkonsidrat

Illi filwaqt illi tirrileva illi d-digrieti tal-Qorti jridu jigu skrupolozament osservati, f'dan il-kaz, mehud inkonsiderazzjoni l-prossimita' bejn l-ghoti tad-digriet u l-kontravenzjoni, din il-Qorti lesta li taghti l-beneficcju tad-dubju lill-appellanti illi forsi f'dak l-istadju ma kienitx ghada fehmet sew il-portata tad-digriet u l-hinijiet moghtija w ma kienx hemm dik il-volonta' li tisfida lill-Qorti w tichad l-access lill-zewgha Mario. Filwaqt illi huwa minnu illi l-volonta' mihiex importanti ghall-fini tal-kontravenzjoni pero' minn naha l-ohra din il-Qorti ma tridx tkun drakonjana w tikkundanna b'ghajnejha maghluqa kull trasgrezzjoni anki jekk ma jirrizultax xi malafede.

F'dan il-kaz il-Qorti jidhrilha illi dan l-element huwa nieqes u filwaqt ili twiddeb lill-appellanta illi toqghod attenta ghad-digrieti tal-Qorti w tobdihom dejjem, ghal din id-darba, lesta li tikkoncedi l-beneficcju tad-dubbju w tehles lill-appellanta mill-kull htija.

Ghadaqstant, taqta' w tiddeciedi billi tilqa' l-appell, tirrevoka, thassar u tannulla s-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati tas-16 ta' Marzu, 2009, u tillibera lill-appellanta minn kull imputazzjoni w htija

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------